MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2011

Numru 116/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**Fathihi Ahmed Awaale**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Fathihi Ahmed Awaale ta’ 28 sena, iben Ahmed u Madino Ahmed-Ali, imwieled is-Somalja nhar it-03 ta’ Dicembru 1982 u residenti gewwa kamra 37, Hal Far Hanger Open Centre, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita’ numru 51112(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar il-05 ta’ Jannar 2011, ghall-habta ta’ l-22:15 ta’ filghaxija fi Triq tal-Gebel, Birzebbugia, ikkommetta serq minn fuq il-persuna ta’ Amanda Portelli, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ l-istess Amanda Portelli minn Birzebbugia;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Amanda Portelli f’ periklu car ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-istess Amanda Portelli minn Birzebbugia, liema offizi jew ikkagunati permezz ta’ arma regulari jew bi strument li jaqta’ jew iniggez;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Amanda Portelli kontra l-volonta’ taghha, liema delitt sehh bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna ohra tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta’ hwejjigha kif ukoll l-imsemmija Amanda Portelli giet offiza fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr ‘il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu jew xort’ohra, kellu fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar is-7 ta’ Jannar 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat

wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat kkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet, ikkunsidrat il-fatt li ghandu fedina penali netta, kkunsidrat ukoll il-gravita tar-reati addebitati lill-imputat u li taghhom qed jinstab hati u jidrilha li l-piena karcerarja effettiva tkun l-aktar piena idonja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 86, 87(1)(c)(e), 261 (a)(f), 262 (1)(b), 263 (b), 270, 221 (1)(2) u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn(2) u hames(5) xhur prigunerija.

Il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-sikkina mmarkata bhala Dok KA8.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------